MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2013

Numru 759/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**RENALD CUTAJAR**
**DAREN D'EMANUELE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Renald Cutajar ta' 16-sena, iben Francis Cutajar u Christina Camilleri, imwieled Pieta' nhar il-20 ta' Frar, 1997, residenti gewwa Ent. C, Flat 4, Triq Santa Liena, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 95697M

U lil:

Daren D’Emanuele ta’ 16-il sena, iben Raymond u Carmen nee' Cini, imwieled il-Pieta' nhar is-27 ta’ Frar, 1997, residenti gewwa 7, Shalimar, Sqaq il-Kuncizzjoni, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita’ bin-numru 90997M

Gew akkuzati talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe;

1. Talli matul ix-xhur ta’ Lulju u Awissu 2013, gewwa dawn il-gzejjer, iffalsifikaw xi biljetti tal-flus, jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati li kienu jafu li huma falsifikati;

2. u aktar talli fl-istess granet, hin, lok u cirkustanzi, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minn ghand xi persuna/i, jew kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom, biljetti tal-flus falsifikati li kienu jafu li l-istess flus kienu iffalsifikati,

3. u aktar talli fl-istess granet, hin, lok u cirkustanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex gieghelu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama’ jew biza’ ta xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ 200 Euros (mitejn Euro) ghad-dannu ta’ Renald Cassar, Matthew Dimech u/jew persuna/i ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma kull piena li l’Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum, fl-ezami taghhom, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-flus foloz gew mghoddija lill-Ufficjal Prosekutur u nkwantu ghall-ewwel (1.) akkuza migjuba kontra z-zewg imputati, l-imputati wiegbu hatja nkwantu li mexxew biljetti tal-flus falsifikati li kienu jafu li huma falsifikati u mhux illi ffalsifikaw xi biljetti tal-flus.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 17, 31, 37 u 308 tal-Kap. 9 u l-artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputati Renald Cutajar u Daren D'Emanuele, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputati, li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u li fil-konfront taz-zewg imputati japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Renald Cutajar u Daren D'Emanuele ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati Renald Cutajar u Daren D'Emanuele jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tad-dokument SR7 (Mitt Ewro (Ewro 100) falza) u tad-dokument SR8 (karta tal-mitt Ewro (Ewro 100) wahda falza) u tordna li dawn iz-zewg karti ta’ mitt Ewro (Ewro 100) foloz jintbaghtu a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali lill-Gvernatur tal-Bank Centrali.

Il-Qorti tordna n-notifika b’kopja ta’ din is-Sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Renald Cutajar u Daren D’Emanuele l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------